# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.**

**Illum, l-Erbgha 6 ta' Gunju, 2001.**

**Kawza Nru. 38.**
**Citazz. Nru. 374/01 JRM**

**BANK of VALLETTA p.l.c.**

**vs**

**Bernardette DALLI**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet "Loan Facility" lill-konvenuta Bernardette Dalli;

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuta Bernardette Dalli fl-ammont ta' tlett elef u tnejn u tletin liri maltin u disghin centezmu (Lm3,032.90) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" tal-konvenuta Bernardette Dalli mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1" sa "A13") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi l-konvenuta Bernardette Dalli giet interpellata permezz ta' Ittra Ufficjali datata 17 ta' Novembru, 2000 li qed tigi hawn esebita u markata Dok "B" sabiex thallas id-dejn fuq imsemmi, izda din baqghet inadampjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lill-konvenuta Bernardette Dalli thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef u tnejn u tletin liri maltin u disghin centezmu (Lm3,032.90) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" tal-konvenuta Bernardette Dalli mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1" sa "A13") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 17 ta' Novembru, 2000 (Dok "B") mibghuta lill-konvenuta li hija ngunta minn issa sabiex tidher ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li biha rriduciet it-talba b'mija u tnejn u erbghin liri maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm142.31) stante pagament akkont fil-mori tal-kawza;

Rat in-nota tal-konvenuta li biha ammettiet it-talba kif ridotta;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuta it-talba ridotta tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuta tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** limitatament ghas-somma ta' elfejn tmien mija u disghin liri maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm2890.59) u bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**6 ta' Gunju, 2001.**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur**
**6 ta' Gunju, 2001.**